**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D**

**IL-PULIZIJA**

**[Spettur Joseph Mercieca]**

**-Vs-**

**CHRIST SKOTADIS**

**Illum 15 ta' Settembru 2022**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat mill-Uffiċjal tal-Probation Annabelle Bugeja fit-3 ta' Ġunju 2022 fejn ġie premess u mitlub:-

"*1. Illi bis-sentenza msemmija hawn fuq kienet appuntata Ufficjal tal-Probation ta' Christ Skodatis numru tal-identita' 296896M u residenti 134, Triq Brighella, Santa Venera b'numru tat-telefon 79394760;*

*2. Illi Christ Skodatis naqas li jzomm ruhu f'kuntatt mal-Ufficcju u l-Ufficjal tal-Probation, skont id-direttivi moghtija lilu;*

3. *Illi huwa naqas milli joqghod ghad-direttivi moghtija lilu mill-istess Ufficjal tal-Probation u jipprovdi l-kampjuni tal-urini mehtiega sabiex jigi sorveljat il-vizzju tad-droga.*

*Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, l-esponenti thossha fid-dmir illi tattira l-attenzjoni ta' din ir-rispettabbli Qorti ghal dan il-fatt, biex il-Qorti tieħu dawk il-miżuri li jidhirlha xierqa u opportuni.*"

Rat l-Ordni ta' *Probation* maħruġ għal żmien tliet (3) snin bis-saħħa tas-sentenza tal-15 ta' Lulju 2019 mogħija fil-konfront ta' Christ Skotadis;

Rat l-Artikolu 21 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti l-oħra kollha.

Semgħet il-provi.

Ikkunsidrat:

Illi din id-denunzja ġiet reġistrata fil-konfront tal-probationer għaliex allegatament huwa naqas milli jipprovdi jżomm kuntatt mal-Uffiċjal tal-Probationer kif ukoll naqas milli joqgħod mad-direttivi mogħtija lilu mill-istess Uffiċjal tal-Probation.

Annabelle Bugeja, l-Uffiċjal tal-Probation xehdet illi għalkemm fil-passat il-probationer kellu problema serja ta' abbuż tad-droga kokaina, kien ġie mqiegħed taħt ordni ta' trattament bis-saħħa ta' sentenza preċedenti u meta bdiet issegwih taħt l-Ordni ta' Probation in diżamina, l-andament tiegħu kien wieħed pożittiv, kien jikko-opera u kellu wkoll impieg. Madanakollu, żewġ testijiet li sarulu f'Settembru u Ottubru 2021, irriżultaw pożittivi għall-użu ta' kokaina. Għalkemm iż-żewġ testijiet sussegwenti li saru fid-29 ta' Ottubru 2021 u fil-15 ta' Diċembru 2021 irriżultaw fin-negattiv għal sustanzi illegali, l-attendenza tal-probationer ma baqgħetx stabbli u beda

jipposponi l-appuntamenti regolarment b'xi skuża jew oħra.  L-aħħar appuntament li kellu kien fis-16 ta' Mejju 2022 iżda deher imfixkel, ma pprovdiex kamjun tal-awrina u telaq, filwaqt li ma attendiex għall-appuntament sussegwenti fit-2 ta' Ġunju 2022. Ikkonfermat illi l-probationer għandu impieg fiss u li d-denunzja saret mhux għaliex qed jabbuża mid-droga iżda minħabba n-nuqqas ta' attendenza u n-nuqqas tal-probationer li joqgħod għad-direttivi, fejn ma kien qed jipprovdi kampjuni għall-analiżi.

Fil-mori tas-smigħ tad-denunzja, ġie skedat appuntament ieħor fl-15 ta' Lulju 2022 ċioe' minnufih qabel l-effetti tal-Ordni ta' Probation skadew, biex l-imputat iħallu kampjun għall-analiżi.  L-Uffiċjal tal-Probation xehdet[1] illi dan il-kampjun, filwaqt li rriżulta negattiv għal kannabis u eroina, instab pożittiv għall-użu ta' kokaina. Madanakollu, ikkonfermat ukoll li l-imputat ikkontesta dan ir-riżultat u l-kampjun ittieħed fil-laboratorju tal-Isptar Mater Dei għal iktar analiżi speċifiku u meta reġgħet xehdet l-istess Uffiċjal tal-Probation fit-12 ta' Settembru 2022, ikkonfermat illi r-riżultat tal-analiżi ta' dan il-kampjun kien negattiv.  Hija fissret iżda, illi f'dan ir-riżultat hemm indizzji li jistgħu jiġi interpretati bħala indikazzjoni li seta' kien hemm użu tad-droga kokaina.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tosserva illi l-probationer ġie mqiegħed taħt Ordni ta' Probation għal żmien tliet snin, żmien li skada irrimedjabbilment fil-15 ta' Lulju 2022.  Sa dak it-tant, il-probationer ma kienx għadu nstab pożittiv għall-użu ta' kokaina ħlief f'żewġ okkażżjonijiet iżda kien qed ikun erratiku ferm fl-attendenza tiegħu u kwindi wkoll fl-għoti ta' kampjunu tal-awrina għall-analiżi u effettivament jirriżulta li bejn il-15 ta' Diċembru 2021 u t-3 ta' Ġunju 2022 meta ġiet reġistrata d-denunzja, huwa ma ħalla l-ebda kampjun kwalsiasi b'xi skuża jew oħra.

[1] Xhieda tat-28 ta' Lulju 2022.

Il-Qorti għandha quddiemha żewġ testijiet li rriżultaw fil-pożittiv għall-użu ta' kokaina: tests li saru f'Settembru 2021 u Ottubru 2021. Jekk ir-riżultat uffiċjali mil-laboratorju tal-Isptar Mater Dei dwar il-kampjun li ttieħed fil-15 ta' Lulju 2022 ġie kkonfermat li huwa riżultat negattiv għall-użu ta' kokaina, l-opinjoni tal-Uffiċjal tal-Probation dwar indizzji li juru mod ieħor bir-rispett kollu m'hijiex ammissibbli bħala prova ta' riżultat pożittiv.

Huwa minnu wkoll illi r-riżultati tat-testijiet li saru fid-29 ta' Ottubru 2021 u fil-15 ta' Diċembru 2021 kienu negattivi għall-użu ta' sustanzi illeċiti u huwa minnu wkoll li t-test li sar fil-15 ta' Lulju 2022 li sar in segwitu għar-reġistrazzjoni tad-denunzja kien negattiv. Iżda dan it-test tal-aħħar sar fuq ordni tal-Qorti u mhux spontanjament mill-probationer in konformita' mad-direttivi tal-Uffiċjal tal-Probation u m'huwa ta' serħan għall-Qorti.

Il-Qorti hija mħassba ferm bin-nuqqas ripetut ta' attendenza tal-probationer għall-appuntamenti mal-Uffiċjal tal-Probation u bin-nuqqas tiegħu li jipprovdi kampjun għall-analiżi għal seba' xhur sħaħ. Nuqqasijiet li juru li l-probationer m'għadux interessat li jikkonformi ruħu mal-Ordni tal-Probation u fil-benefiċċji li jista' jaħsad mill-osservanza stretta ma' din l-istess Ordni. Għall-Qorti, dan in-nuqqas ta' ko-operazzjoni tal-probationer fuq medda ta' diversi xhur fejn evidentement ma qagħadx għad-direttivi tal-Uffiċjal tal-Probation, huwa wieħed gravi u ma jistax ħlief ifisser li l-problema tal-abbuż tad-droga kokaina ma għadhiex taħt kontroll kif kienet fiż-żmien meta l-probationer tqiegħed taħt l-Ordni ta' Probation fil-15 ta' Lulju 2019. Il-fatt li ż-żewġ testijiet li saru f'Settembru u Ottubru 2021 wrew li l-probationer reġa' beda jabbuża mill-kokaina wara perijodu sostanzjali fejn ma kienx ikun hemm riżultati pożittivi, magħdud dan l-atteġġjament erratiku u konfużjonarju tal-istess probationer fix-xhur sussegwenti, ikompli jafferma t-tħassib tal-Qorti li l-Ordni ta' Probation ma laħqitx l-għanijiet tagħha u li l-probationer m'huwiex interessat li jirrijabilita ruħu bis-serjeta' darba għal dejjem. Għalhekk jeħtieġ li jittieħdu miżuri differenti biex jiġi assigurat li l-probationer ma jerġax jaqa' fil-vizzju tad-droga u jerġa' jinġibed fil-vortex tal-kriminalita'.

Il-fatt illi issa l-Ordni tal-Probation ma tistax tiġi estiża u llum ma għadhiex fis-seħħ, ifisser illi l-Qorti għandha tassigura li tipprovdi b'mezzi differenti għas-sorveljanza tal-probationer liema sorveljanza hija fehmet li hija imperattiva fiċ-ċirkostanzi. Għalkemm sejra tittratta mal-probationer għar-reat li instab ħati tiegħu fis-sentenza tal-15 ta' Lulju 2019 billi timponi piena idonea għar-reat li kkommetta u li sservi wkoll bħala deterrent, sejra tindirizza wkoll l-aspett riformattiv u l-ħtieġa li l-imputat ikompli jingħata l-għajnuna li jeħtieġ taħt sorveljanza.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikolu 21 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta u regghet rat l-artikoli 261(b)(ċ), 263, 267, 278(3) u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed titratta ma' CHRIST SKOTADIS għar-reat li tiegħu instab ħati fil-15 ta' Lulju 2019 daqs li kieku għadu kemm gie dikjarat ħati u fil-waqt li tikkonferma is-sejbien ta' htija kif jirrizulta minn dik l-imsemmija sentenza, tikkundannah sittax (16)-il xahar priġunerija iżda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li din is-sentenza ma tidholx fis-sehh hlief jekk matul il-perijodu ta' tliet (3) snin mil-lum, il-ħati jikkommetti reat ieħor li għalih hemm il-piena ta' prigunerija.**

**Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28G tal-Kap. 9, il-Qorti tqiegħed lill-ħati CHRIST SKOTADIS taħt is-superviżjoni ta' uffiċjal sorveljanti mahtur taht id-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan għaz-zmien kollu tal-perijodu operattiv ta' din is-sentenza, ċioe' tliet (3) snin, bil-ħtieġa illi l-ħati għandu jaghmel dik il-kura waqt il-perijodu operattiv tal-ordni bil-ghan li jinheles mill-vizzju tad-droga.**

**Il-Qorti spjiegat lil hati fi kliem car, kemm r-responsabbilita` tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kap 9 jekk hu jikkommetti reat li ghalih ikun hemm piena ta' prigunerija matul l-perjodu operattiv, kif wkoll l-effetti tal-ordni ta' supervizjoni u l-konsegwenzi tan-nuqqas tal-hati li jikkonforma ruhu ma' din l-ordni.**

**Il-Qorti tordna illi kopja ta' din is-sentenza kif ukoll kopja tal-Ordni ta' Superviżjoni jintbagħtu lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole u lir-Reġistratur tal-Qorti.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**